MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 507/2006

**Fogg Insurance Agencies Limited**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera**
**Norwich Union International Insurance Limited (C 597)**

**Vs**

**Charles Bianco u Esmail Elamrousy**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li biha s-socjetà attrici talbet li l-konvenuti jhallsu s-somma t'elf, mitejn u ghaxar Euro u sittin centezmu (€1,210.60) - (Lm519.71c) rapprezentanti hlasijiet effettwati mis-socjet**à** attrici ai termini tal-Att dwar Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuna (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta), in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet 'Alex Busuttil vs Esmail Elamrousy' (Avviz Numru 659/2005 PBC – deciza 31 ta' Jannar, 2006). Dawn il-proceduri kienu jirrigwardaw

incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Novembru, 2004, gewwa Triq il-Gizimin, Swieqi bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut Esmail Elamrousy bin-numru ta' registrazzjoni DAN747 liema vettura hija di proprjetà tal-konvenut l-iehor Charles Bianco u minnu assikurata mal-mittenti u l-vettura proprjetà ta' Alex Busuttil bin-numru ta' registrazzjoni JAN003.

Il-konvenuti naqsu milli jinfurmaw lis-socjetà attrici dwar l-incident de quo u l-istess proceduri gudizzjarji msemmija, u wkoll milli jhallsu l-excess minnhom dovut, bhalma kienu obbligati illi jaghmlu ai termini tal-polza tal-assikurazzjoni relattiva, liema nuqqas awtomatikament jinvalida l-imsemmija polza, u jintitola lis-socjetà attrici sabiex tirkupra l-ammonti minnha imhallsa ai termini tal-istess. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati li qed jigu pprezentati kontestwalment ma dan l-att, u interessi legali mid-data tal-ittra ufficjali tas-26 t'April, 2005 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Charles Bianco (fol 16) li biha wiegeb illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li l-vettura in kwistjoni kienet inxurjata f'isem il-konvenut l-iehor u mhux l-esponenti ghalhekk l-istess esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi abazi tas-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal kif kostitwita prezentement, il-konvenut l-iehor gie kkundannat ihallas id-danni relattivi. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra r-risposta tal-konvenut Esmail Elamrousy (fol 30) li biha wiegeb illi in linea preliminari huwa kien xtara vettura bil-HP minghand is-socjetà Western Company Limited liema socjetà kienet talbitu certifikat tal-assikurazzjoni qabel ma taghtu l-vettura tal-marka Peugeot DAN 747 (Dok A1). Illi wara li sehh l-incident in kwistjoni huwa kien mar ghand l-insurance il-Belt, tkellem ma' Simon u dan qallu li ma kienx inxurjat. Huwa wara mar bic-certifikat, xi xahar wara, u qallu sabiex jaghmel il-claim. Huwa kien ukoll informa bil-habta lis-sub-agent tas-socjetà attrici

f'Birkirkara. Illi huwa meta kien mar jerga' jaghmel il-claim, kien informa lis-socjetà attrici li huwa kien lest li wara li huma jhallsu l-claim – u dan ghaliex l-iehor beda jipprofetta ruhu ghax sabu barrani, kien ser ihallashom huwa. Illi huwa mexa dejjem kif idderigewh l-impjegati tas-socjetà attrici.

Sema' x-xhieda ta' Esmail Elamrousy, Simon Paris, Randolph Baldacchino, Charles Bianco u P.L. Noel Bianco.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Ramona Frendo ghas-socjetà attrici u P.L. Noel Bianco ghall-konvenuti.

Ikkonsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut Esmail Elamrousy kien involut f'kollizjoni fis-27 ta' Novembru, 2004 waqt li kien qed isuq il-vettura DAN747 u m'hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-istess. Dwar dan ittiehdu proceduri kontra tieghu mis-sewwieq l-iehor Alex Busuttil u dawn ghaddew in gudikat kif jidher mill-process (Avviz 659/05) 'Alex Busuttil vs Esmail Elamrousy' deciz fil-31 ta' Jannar, 2006 li gie allegat ma dawn l-atti. Is-socjetà atrici giet mitluba biex taghmel tajjeb ghal dak il-kreditu hekk kanonizzat u, kif kienet obbligata li taghmel skond il-Kap. 104, ghaddiet biex hallset l-ammont ta' Lm519.71c u issa qieghda tirreklama l-istess ammont minghand il-konvenuti.

Is-socjetà attrici ssostni fl-Avviz li wara li sehhet il-kollizjoni fuq imsemmija, la Esmail Elamrousy u lanqas Charles Bianco m'ghamlu claim u lanqas ma hallsu l-excess. Fil-mument tal-incident il-vettura kienet misjuqa minn Esmail Elamrousy izda kienet ghadha registrata fuq Charles Bianco. Fl-Avviz is-socjetà attrici ssostni illi l-assikurazzjoni kienet fuq Charles Bianco.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi attwalment, u dan kif anka jidher mic-certifikat a fol 31 tal-process immarkat bhala Dokument A1, fit-18 t'Ottubru, 2004 fil-15.28 hareg

certifikat t'assikurazzjoni favur Esmail Elamrousy rigwardanti l-vettura DAN747 liema polza kienet tibda mill-istess gurnata u tibqa' sejra sat-30 t'April, 2005. Elamrousy esebixxa l-ircevuta tal-hlas li huwa kien ghamel ta' Lm53.71c lil Peak Insurance Brokers sabiex b'hekk huwa hallas l-premium ghall-polza relattiva. Il-kollizjoni sehhet fis-27 ta' Novembru, 2004 jigifieri matul il-perjodu tal-cover u fit-Traffic Accident Report li jinsab esebit bhala Dokument SP2 a fol 53 et seq tal-process jirrizulta illi dakinhar is-sewwieq, cioè Esmail Elamrousy indika li hu kien kopert bil-polza in kwistjoni ghalkemm ir-registered owner kien ghadu jidher Charles Bianco ta' Western Company Limited.

F'din il-kawza is-socjetà attrici tghid li hija ma rcievetx claim u xehed f'dan is-sens Simon Paris u anke esebixxa dokument li permezz tieghu huma kitbu lil Esmail Elamrousy u talbuh biex jigi biex jaghmel claim u jhallas l-excess.

Da parti tieghu Esmail Elamrousy xehed illi huwa mar ghand l-agent tas-socjetà attrici, jigifieri Peak Insurance Brokers u talab li jaghmel claim hemmhekk izda nfurmawh li huma ma kinux awtorizzati li jircievu claims. Huma nfurmawh li l-claim irid isir il-Belt. Huwa xehed li mbaghad meta mar il-Belt biex jaghmel il-claim infurmawh li ma kellux cover jigifieri li ma kienx inxurjat u ghalhekk ma setax jaghmel il-claim. F'dan is-sens imbaghad xehed b'aktar dettal il-Prokuratur Legali Noel Bianco li kien a konoxxenza tal-vertenza mill-bidunett u dan stante li meta sehhet il-kollizjoni huwa anke mar fuq il-post u kien prezenti meta sar ir-rapport mill-warden. Huwa jghid illi t-Tnejn, jigifieri l-ewwel gurnata tax-xoghol wara l-incident, mar flimkien ma' Esmail Elamrousy ghand Randolph li huwa l-broker izda l-broker infurmah illi l-claim kellha jsir il-Belt u ghalhekk ftiehmu li jmorru ftit wara fl-ufficju ta' Fogg il-Belt Valletta. Hemmhekk huwa tkellem ma' wiehed Simon u dan Simon qallu li l-vettura in kwistjoni ma kellhiex cover. Is-Sur Bianco infurmah illi attwalment Elamrousy kellu certifikat t'assikurazzjoni izda Simon qallu illi l-broker ma kellux awtorità johrog polza fuq persuna li

hija barranija. Huwa fil-fatt kien gia mar qabel ghand Fogg u Simon kien qallu l-istess diskors.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi galadarba nhareg certifikat t'insurance, dan ic-certifikat igib prova li attwalment kien hemm polza vigenti fuq il-vettura in kwistjoni favur il-persuna assikurata, jigifieri favur Esmail Elamrousy. Dan huwa anke konfermat mill-fatt illi l-istess socjetà attrici kienet kitbet lil Elamrousy fl-14 ta' Dicembru, 2004 fejn talbitu biex jaghmel il-claim u in oltre, fit-28 ta' Marzu, 2005 (Dok SP7 fol 64) meta kienet kitbet lil Alex Busuttil indikat lil Esmail Elamrousy bhala l-assikurat taghha u fil-fatt ikkonfermat li qed taccetta responsabbiltà ghall-istess incident.

F'dawn il-proceduri s-socjetà attrici pprovat targumenta illi fil-fatt l-assikurat ma kienx Elamrousy u li fil-fatt ic-certifikat ma kienx validu ghaliex id-declared owner ma kienx Elamrousy izda kien Charles Bianco u ma kienx lahaq sar it-transfer.

Dwar it-transfer o meno tal-vettura it-Tribunal jidhirlu illi f'dan il-kaz mic-cirkostanzi kif spjegati jidher illi ma jbiddel xejn fuq il-vertenza u dan billi jirrizulta provat sodisfacentement illi l-beneficial owner tal-vettura fil-fatt kien l-istess Elamrousy u ghalhekk certament kellu insurable interest ghall-istess vettura. Huwa attwalment kien xtara il-vettura izda t-transfer formali ma kienx sehh minhabba ragunijiet teknici u f'kull kaz dawn ma kellhom l-ebda effett fuq il-premium u r-riskju tas-socjetà attrici billi Elamrousy kien gja assikurat maghhom b'vettura ohra.

It-Tribunal ukoll jemmen illi fil-fatt meta l-konvenut Elamrousy prova jaghmel claim, huwa ma thalliex jaghmel l-istess billi impjegat tal-kumpanija attrici nfurmatu li ma kienx hemm cover – u ghalhekk f'dan ir-rigward ma jistax jinghad illi sa dak il-mument il-konvenut ghamel xi haga hazina billi huwa attwalment ipprova jaghmel il-claim izda kienet is-socjetà attrici stess li ma hallitux.

Skond il-kundizzjonijiet tal-polza hemm stipulat li l-polza tapplika biss jekk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha huma

sodisfatti, l-informazzjoni hija korretta u kompleta u li l-assikurat ikopri bis-shih fil-processar tal-claim. Fil-kaz odjern, it-Tribunal huwa tal-fehma illi Elamrousy genwinament ipprova jissodisfa l-kondizzjonijiet tal-polza biex jaghmel il-claim kif kien obbligat li jaghmel skond il-ligi u sahansitra anke kien akkompanjat minn Prokuratur Legali biex jaghmel hekk. Kien l-istess Prokuratur Legali Bianco li kien qed jitkellem ghalih u certament f'din ic-cirkostanza it-Tribunal huwa konvint illi bil-fatt li ma giex registrat claim formali, dan ma kienx imputabbli ghal xi htija tal-konvenut Elamrousy.

Jidher car illi kien hemm break of communication u li ghalkemm Simon Paris kien qed ighid mod, lill-P.L. Noel Bianco, il-fatti kienu differenti u li l-vettura in kwistjoni kienet verament assikurata fuq il-konvenut Elamrousy u mhux, kif intqal fl-Avviz tat-Talba, fuq il-konvenut Charles Bianco.
Illi ghalhekk fic-cirkostanzi kif inghad, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-unika ammont tas-sorte li l-konvenut Elamrousy ghandu jhallas huwa l-excess stipulat fil-polza li huwa l-ammont ta' Lm25.

Gie sottomess ukoll illi in subsidium illi anke jekk jigi ammess illi l-assikurazzjoni ghandha taghmel tajjeb ghad-danni, l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza l-ohra ghandhom jigu sopportati minn Elamrousy.

It-Tribunal ma jaqbilx ma' din il-kontenzjoni. Huwa minnu li s-socjetà attrici kienet avzat lil Alex Busuttil li kienet lesta biex taghmel tajjeb ghad-danni izda fil-fatt jirrizulta li hija m'ghaddietx ghall-hlas tal-istess u stenniet li jkun hemm sentenza biex thallas meta fil-fatt skond l-istess polza fil-parti intestata settlement of third party claims, hija kienet fid-drittijiet taghha biex taqbad u thallas anke in mankanza ta' claim formali.

Illi ghar-rigward tal-konvenut Charles Bianco, jidher car li dan iddahhal fil-kawza inutilment. Fil-kapacità tieghu personali ma kellu x'jaqsam assolutament xejn. Il-persuna li kienet bieghet il-karozza lill-konvenut Elamrousy kienet il-kumpanija Western Company Limited

u mhux Charles Bianco personalment u konsegwentement huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghar-rigward tal-kap. tal-ispejjez it-Tribunal huwa tal-fehma illi minkejja li l-ammont li Elamrousy huwa cirka 5% tas-sorte, ghandu jkun hemm rifless fuq l-kap. tal-ispejjez billi certament huwa seta' jaghmel iktar sforzi biex jifformalizza l-claim. Kieku ghamel hekk s-socjetà attrici probabbilment kienet timxi mod iehor u kien jkun hemm kawza inqas fuq il-lista ta' dan t-Tribunal. In oltre ma jistax jigi injorat ghall-kollox l-fatt li huwa naqas li jzomm kuntatt mas-socjetà attrici minkejja li infethet kawza kontra tieghu minn Alex Busuttil. Ghalhekk ma jkunx ekwu li s-socjetà attrici thallas l-ispejjez tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm25 li huma ekwivalenti ghal €58.23. Jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut Charles Bianco u dan bi spejjez ghas-socjetà attrici. L-ispejjez l-ohra tal-kawza huma bla taxxa bejn l-partijiet.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------